MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2014

Citazzjoni Numru. 37/2013

**A B C**
**vs**
**Avukat Cedric Mifsud u Prokuratur Legali Melissa Anastasi**
**li b'digriet tal-10 ta' April 2013 gew mahtura kuraturi deputati**
**sabiex jirraprezentaw lill-assenti D E F u**
**b'digriet tas-27 ta' Novembru 2013 il-kuraturi deputati gew estromessi stante li D E F assuma l-atti personalment**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici pprezentat fl-14 ta' Frar 2013 li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi l-esponenti hija legalment separata minn zewgha D F permezz ta' kuntratt datat 21 ta' Mejju 2007; liema zwieg

gie sussegwentement iddikjarat null minn dina l-Onorabbli Qorti fit-30 ta' Marzu 2011;

Illi l-partijiet bejniethom ghandhom tifla, Christina F, li llum ghandha ghaxar (10) snin u li dak kollu li jirrigwardaha kien gie miftiehem u maqbul bejn ir-rikorrenti u D E F fl-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni;

Illi fost id-diversi klawsoli tal-kuntratt ta' separazzjoni fuq citat, klawsola numru 2.1.2 ttenn illi "The mother shall be entitled to apply and obtain a passport for the minor daughter";

Illi sa qabel Mejju 2012, l-esponenti qatt ma kellha diffikulta li tottjeni passaport ghal bintha l-minuri wahedha, madanakollu, gara illi meta l-esponenti marret biex terga' tapplika ghall-imsemmi passaport fuq isem bintha Christina F, wara li nhar id-19 ta' Mejju 2012 l-istess passaport skada hija giet infurmata mill-ufficju tal-Passaporti li hija kellha bzonn l-awtorizzazzjoni tal-Qorti, fin-nuqqas ta' firma ta' zewgha;

Illi l-esponenti taf li l-ahhar indirizz ta' zewgha kien, 25, Deans Road, Blairy Lergen Countyarman Armagh, Northern Ireland;

Illi llum il-gurnata l-esponenti regghet izzewget lil haddiehor, u cioe, Guseppe C li huwa ta' nazzjonalita Taljana, mil-liema hija ghandha t-tieni wild, Francesco u ma' liema hi u bintha jabitaw hawn Malta;

Illi l-esponenti xtaqet li jkollha passaport ghal bintha l-minuri Christina F u dana anke peress li zewgha Guseppe C huwa Taljan u ta' spiss il-familja tal-esponenti jmorru jzuru lill-genituri tal-istess gewwa l-Italja. L-ahhar darba li kellha bzonn issiefer ghand il-familja ta' zewgha kellha tintavola rikors b'urgenza u inghatat passaport ristrett;

Illi l-esponenti xtaqet li tirregola dan u wara li pprosegwiet permezz ta' medjazzjoni quddiem dina l-Onorabbli Qorti, inghatat l-awtorizzazzjoni tipprosegwi b'dina l-Kawza;

Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob li din l-Onorabbfi Qorti jogghobha:

Tawtorizza lill-esponenti sabiex titlob, tapplika u tottjeni wahedha, minghajr il-htiega ta' firma tal-konvenut, il-passaport ta' bintha Christina F kif ukoll tapplika u tiffirma ghal kwalsiasi dokument mehtieg in konnessjoni mal-istess u dan kollu taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-intimat ingunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta’ dokumenti tal-attrici.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta’ Novembru 2013 fejn ghall-assenti D E F dehret Dr Annalise Debono u iddikjarat li kienet qed tassumi l-patrocinju tal-konvenut minflok il-kuraturi deputati u li ghan-nom tal-konvenut iddikjarat li t-talbiet attrici ma kienux qed jigu opposti.

Fl-istess seduta il-partijiet qablu illi tinghata sentenza fuq it-talba attrici u iddikjaraw li kien hemm qbil bejniethom illi l-ispejjez tal-kuraturi deputati jigu divizi bejn il-partijiet.

Rat l-atti kollha;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat illi t-talbiet attrici huma fl-ahjar interess tal-minuri.

**Decide.**

Ghal dawn il-motivi taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa’ l-ewwel talba u tawtorizza lill-attrici A B C sabiex titlob, tapplika u tottjeni wahedha, minghajr il-htiega tal-firma tal-konvenut D E F , il-passaport ta’ bintha minuri Christina F kif ukoll sabiex tapplika u tiffirma ghal kwalsiasi dokument mehtieg in konnessjoni mal-istess.

2. Tordna li l-ispejjez tal-kuraturi deputati sal-istadju li gew estromessi mill-kawza jithallsu miz-zewg partijiet, f'sehem indaqs bejniethom.

3. Tordna li l-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------